# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Għargħur

IS-SEBA' LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 38

Data tal-laqgħa: 16 ta' Mejju, 2017

*Il-Kunsill Lokali Ħal Għargħur ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tlieta, 16 ta' Mejju 2017 fis-6.00p.m.*

| ***Preżenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| Sindku | Ġiljan Aquilina |
| Viċi Sindku | Mario Gauci 6.40p.m. |
| Kunsillieri | Christopher Fenech |
| | Carl Grech |
| | Mark Azzopardi 6.30p.m. |
| Ambaxxatur Żagħżugħ | Skużat |
| Segretarju Eżekuttiv | Maria Tanti |

Il-laqgħa bdiet fis-6.05 p.m. billi ntqalet it-talba.

**38/01** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

**38/01/01** Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

**38/02** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħat Numru 36 u 37**

**38/02/01** Ma kienx hemm korrezzjoni fil-Minuti. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-minuti taż-żewġ laqgħat.

**38/02/02** **Para 36/02/02:** Il-laqgħa fuq ir-*resurfacing* ta' parti mit-Triq l-Indipendenza saret imma xogħol għadu fuq il-*waiting list.*

**38/02/03** **Para 36/02/03:** Il-Kunsill għadu qed jistenna risposta fuq il-kamra li applikajna sabiex tiġi devoluta lilna ħalli tintuża bħala librerija. Għandna nirċievu risposta dalwaqt.

**38/02/04** **Para 36/02/05:** Rigward l-ATM, illum ġew iwaħħlu l-*air-condition.* Għaldaqstant jonqoshom jinstallaw il-kameras ta' sigurtà biex imbagħad ikunu jistgħu jpoġġu l-ATM.

**38/02/05** **Para 36/02/06:** Id-Direttorat tat-toroq bagħtilna l-istima għal *culvert* fi Triq San Nikola.

**38/02/06** **Para 36/02/07:** Fuq il-proposta li ssir bus stop fi Triq Stiefnu Zerafa, il-Kunsill diġa'

tkellem ma' Għargħur FC u dalwaqt għandna nagħmlu kuntatt ma' Sports Malta.

**38/02/07** **Para 36/02/08:** It-tabelli ġodda ta' *zebra crossing* fi Triq San Ġwann li ġew ordnati mingħand is-Smart Light Systems qed jaħdmu.

**38/02/08** **Para 36/02/11:** Rigward il-pilantri, is-Sindku spjega li xogħol għadu pendenti.

**38/02/09** **Para 36/02/14:** Il-Perit tal-Kunsill kellem lis-Sindku fuq it-talba ta' Sur Webb li jixtieq bankina quddiem il-bieb ta' dar fi Triq San Ġwann u skont il-Perit jekk issir il-bankina, it-triq ser tidjieq. Hawn kien hawn diskussjoni sħiħa u ġie deċiż li dawn it-tip ta' kwistjonijiet u oħrajn li għandhom x'jaqsmu mal-immaniġġjar ta' traffiku ħa jiġu diskussi waqt laqgħa ta' konsultazzjoni mar-residenti.

**38/02/10** **Para 36/02/20:** Fuq ir-*Revised Street Light Program,* it-tender għadu ma ġiex aġġudikat.

**38/02/11** **Para 36/02/22:** Is-Segretarju Eżekuttiv iċċekkjat kemm ingħataw ċitazzjonijiet fit-Triq Santa Katerina u sabet li 9 ċitazzjonijiet.

**38/02/12** **Para 36/02/27:** Il-bankina ta' quddiem Michael Vella house ma tistax issir.

**38/02/13** **Para 36/02/28:** Resident li joqgħod fi Triq Ferdinand kien talab li ssir bordura man-naħa t'isfel tal-faċċata. Is-*site-visit* saret u l-Kunsill qabel li jieħu parir mingħand TM.

**38/02/14** **Para 36/02/30:** Ix-xogħol tal-qtugħ ta' ħaxix ħażin tlesta.

**38/02/15** **Para 36/02/33:** Il-Kuntrattur li kien jieħu ħsieb il-latrina eżatt kif irċieva l-ittra tat-terminazzjoni waqaf ħesrem u l-anqas ħadem in-*notice*. Għaldaqstant kelna mmorru għal servizz ta' emerġenza. Bħalissa x-xogħol qed isir mis-Sur Clayton Mizzi u ta' min jinnota li qed jagħti servizz tajjeb ħafna.

**38/02/16** **Para 36/03/02:** Fuq iż-żewġ fanali li jridu jitneħħew minn mal-knisja, wieħed minnhom diġà sibnilu post. Filwaqt li l-fanal l-ieħor għalissa mhux se jeħel.

**38/02/17** **Para 36/03/05:** Is-siġar tal-għargħar mhux ser jitħawlu għalissa minħabba n-nuqqas ta' siġar.

**38/02/18** **Para 36/03/06:** L-ittra ta' ringrazzjament lil Koptaco ntbagħtet**.**

**38/02/19** **Para 36/03/07:** Is-Segretarju Eżekuttiv ħa terġa' tfakkar lill-Kunsilliera sabiex jibagħtu l-artikli li ser jidhru fil-fuljett tal-Kunsill.

**38/02/20** **Para 36/05/01:** Fuq ic-CCTVs kien hemm qbil unanimu li x-xogħol isir mill-Probe.

**38/02/21** **Para 36/05/10:** Ir-risposta għal istqarrija tal-Bord tal-Gvernanza Lokali rigward il-każ li jitratta ilment dwar *performance appraisal* u ħlas tal- *performance bonus* lis-Sinjura Louise Gusman intbagħtet.

**38/02/22** **Para 36/05/14:** Il-ħadid li kellu jagħmel Muzzan Blacksmith & Welders fi Ġnien il-Paċi

**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

sar.

38/02/23 **Para 36/05/15:** Il-kaxxa safra quddiem garaxx No 73, fi Triq Wieħed u Tletin ta' Marzu saret.

38/02/24 **Para 36/05/17:** Fuq it-talba ta' Sa Anna Mizzi li ssir mera fi Triq il-Ġnien, is-SE ħa tagħmel kuntatt magħha sabiex il-Kunsill ikun jaf jekk hux għal użu personali jew le.

38/02/25 **Para 36/05/18:** Is-*shade* għal bozza fi Triq l-Indipendenza ħa teħel għada.

38/02/26 **Para 36/05/19:** Is-SE bagħtet in-*No Objection* lir-resident li joqgħod fi Triq San Bartilmew sabiex jaqla' l-bankina, jagħmel il-konkos bil-qlib u jerġa' jpoġġi l-madum.

38/02/27 **Para 36/05/20:** Ix-xogħol ta' żebgħa fi Vjal ir-Repubblika sar.

38/02/28 **Para 36/05/21:** It-tabelli li ressaq is-Sur Christopher Fenech saru kollha.

38/02/29 **Para 36/08/01:** Il-kont tal-Correct Termination Ltd ġie approvat.

**38/03 Komunikazzjoni mis-Sindku**

38/03/01 Is-Sindku spjega li attenda għal-laqgħa organizzata mill-AKL fejn il-Kunsill ingħata ċekk ta' €3,507.84 bħala pagament ta' distribuzzjoni allokata għal Kunsill tal-Għargħur.

38/03/02 Is-Sur Ġiljan Aquilina qal li għal darb'oħra l-attività ta' Tberik tal-Annimali reġgħet kienet suċċess. Għaldaqstant xtaq jirringrazzja lis-Sur Bertu Pullicino ta' servizz li ta matul dawn l-aħħar 37 sena. Peress li din kienet l-aħħar sena tiegħu, is-Sindku ssuġġerixxa li s-Sur Pullicino jingħata tifkira tal-okkażjoni. Kien hemm qbil unanimu. Barra minn hekk il-Kunsilliera qalu li din l-attività għandha tibqa' ssir fis-snin li ġejjin.

38/03/03 Is-Sindku spjega li l-ħarġa kulturali li kellha ssir fl-aħħar ta' Mejju tħassret.

38/03/04 Is-Sur Ġiljan Aquilina ħareġ bl-idea li jsir *outdoor gym* fi Ġnien il-Paċi. Is-Sindku qal li għandna nġibu stimi ħalli nkunu nafu bejn wieħed u ieħor kemm jiswa dan l-apparat. Barra minn hekk is-Sindku ħa jkellem lill-Perit tal-Kunsill peress li hemm il-Ġibjun. Kulħadd qabel ma' din il-proposta. Is-Sur Christopher Fenech żied jgħid li għandna nżommu f'moħħna li jsir xi ħaġa simili fi Żona ta' Xwieki.

38/03/05 Is-Sindku spjega li TM x'aktars itunal-permess li jsiru t-*traffic lights* fi Triq il-Ġnien pero jridu jkunu bi 3 kuluri jiġifieri aħmar, oranġjo u aħdar. Is-Sindku ssuġġerixxa li ssir laqgħa ta' konsultazzjoni mar-residenti għaldaqstant ħa jitqassam avviż bil-Malti u bl-Ingliż. Is-Sur Mario Gauci qal li għandna npoġġu avviż fuq facebook ħalli min ma jkunx jista' jattendi għal-laqgħa ta' konsultazzjoni xorta waħda jkun jista' jagħti l-kummenti tiegħu. F'din il-laqgħa ser jigu diskussi ukoll problemi ta' traffiku f'toroq ohra.

**38/04 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

**38/04/01** Ma kienx hemm.

**38/05** **Rapporti, ilmenti u ordnijiet ta' xogħlijiet**

**38/05/01** Ġiet innutata korrispondenza mill-MEPA. Fuq PA/02966/17 *(To demolish existing dwelling and construct ground floor maisonette and overlying two duplex apartments, 52/54, Triq San Bartolomew)* il-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni diment li jimxu mar-regolamenti tal-UCA.

**38/05/02** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mis-Sur George Abdilla rigward il-*Call Centre Proposal.* Ma kienx hemm qbil.

**38/05/03** Ġiet innutata Ċirkulari Numru 10/2017 – L-Immaniġġar tal-Iskart Elettriku u Elettroniku (l-WEEE) miġbura mill-Kunsilli Lokali.

**38/05/04** Ġiet innutata Direttiva Numru 2/2017 – Estimi Annwali (Budget) u Rapport Finanzjarju ta' kull Kwart (Quarterly Financial Report).

**38/05/05** Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat ittra li bagħtet li s-Sur Bugeja sabiex jirranġa l-bankina li qeda quddiem il-proprjetà tiegħu għall-istat oriġinali tagħha biex jitneħħa kull periklu.

**38/05/06** Ġiet innutata Ċirkulari Numru 27/2017 – Workshop fuq l-iżvilupp ta' proġetti fil-kuntest tal-iżvilupp sostenibbli.

**38/05/07** Ġiet innutata Ċirkulari Numru 11/2017 – Irtirar mix-xogħol minħabba l-età pensjonabbli.

**38/05/08** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mill-ARMS Ltd fejn infurmawna li Formola F ġiet proċessatha u issa għandna numru tal-kont ġdid 411000126376. Barra minn hekk id-depożitu ta' garanzija (ta' €466) li konna ħallasna wkoll ġie trasferit għal dan il-kont.

**38/05/09** Ġiet innutata korrispondenza mit-TM fejn talbu permess tal-Kunsill sabiex l-ENEMALTA Corporation jgħaddu numru ta' cables. Kien hemm qbil unanimu.

**38/05/10** Ġiet innutata korrispondenza mill-PA – *Development Planning Act, 2016, Acknowledgment of complete application (PA/03336/17 Site at Triq Għaxqet l-Għajn, Ġebel San Pietru, Għargħur – Proposed reinstatement of existing Garden and proposed resurfacing part of Triq Għaxqet l-Għajn).*

**38/05/11** Ġiet innutata korrispondenza mill-MEPA.

**38/05/12** Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat it-*termination letter* li bagħtet lis-Sur Bryden Azzopardi datata 4 ta' Mejju 2017, dan wara li s-Sur Bryden Azzopardi ma segwiex mal-kundizzjonijiet tal-kuntratt.

**38/05/13** Il-Kunsill irċieva stima mingħand Transient għat-tiswija ta' dawl ta' toroq. L-ammont huwa ta' €201.54. Ma kienx hemm qbil.

**38/05/14** Ġiet innutata korrispondenza mill-MEPA.

**38/05/15** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mis-Sinj. Graziella de Cesare fejn din talbet li jsiru tabelli ta' No Parking fi Triq K. Sammut peress li qed ikun hemm karozzi pparkjati ħażin. Il-Kunsill qabel li ssir *site-visit* qabel ma tittieħed deċiżjoni.

**38/05/16** Ġiet innutata korrispondenza mill-LOQUS fejn sirna nafu li fi Triq Santa Katerina ngħataw 9 ċitazzjonijiet biss. Il-Kunsill ħa jkompli jagħmel pressjoni kemm fuq il-Pulizija kif ukoll fuq il-LESA sabiex niżguraw li s-sewwieqa kollha jimxu skont il-liġi.

**38/05/17** Ġiet innutata korrispondenza mill-PA – *Update Planning Authority website in relation to Local Councils Funding.*

**38/05/18** Il-Kunsill irċieva stima mingħand Infracore rigward żewġ bankijiet ġodda għal Triq Caravaggio.

**38/05/19** Il-Kunsill irċieva stima mingħand is-Sur Andrew Vassallo rigward żewġ bankijiet ġodda għal Triq Caravaggio.

**38/05/20** Il-Kunsill irċieva stima mingħand JGC playon Ltd rigward żewġ bankijiet ġodda għal Triq Caravaggio.

**38/05/21** Il-Kunsill irċieva stima mingħand is-Sur Anton Zarb rigward żewġ bankijiet ġodda għal Triq Caravaggio. Kien hemm qbil unanimu li jinxtraw mingħandu peress li l-istima tiegħu kienet l-irħas waħda.

**38/05/22** Ġiet innutata stima mingħand The Light Housekeepers. Ma kienx hemm qbil.

**38/05/23** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mis-Sinj. Anna Vella fejn qaltilna li d-Dipartiment għadda fil-kont tal-Kunsill it-tieni 'tranche' tal-allokazzjoni finanzjarja għas-sena 2017. Minn din l-allokazzjoni qed jitnaqqas l-ammont ta' €120 in konessjoni mal-Wi-Fi.

**38/05/24** Ġiet innutata korrispondenza mill-MEPA – Notification of Receipt of Fresh Plans – PA/00124/17.

**38/05/25** Ġiet innutata korrispondenza mis-Sinj. Elizabeth Vassallo (LESA) rigward il-pagament ta' distribuzzjoni allokat lill-Kunsill Lokali li qed tamministra, bi qbil mal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali. Il-pagament jammonta għal €3,507.84.

**38/05/26** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mill-Ing. Lee Bullock fuq kif għandha tkun is-sistema ta' *traffic lights* fi Triq il-Ġnien.

**38/05/27** Il-Kunsill irċieva l-*Works Order Quotation* mingħand il-Projects Implementation Directorate sabiex isir culvert ġewwa Ġnien il-Paċi fi Triq San Nikola għal prezz ta' €232.94. Kien hemm qbil unanimu.

**38/05/28** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mis-Sinj. Alexia Galea fejn avżatna li l-iffirmar tal-ftehim rigward Skema 2 – Programm ta' manutenzjoni fil-binjiet tal-Gvern (2017-2020)

ha jsir fid-19 ta' Mejju 2017 fil-11:30a.m. ġewwa l-Kunsill Lokali tal-Għargħur.

**38/05/29** Ġiet innutata korrispondenza mill-MEPA.

**38/05/30** Ġiet innutata Ċirkulari Numru 12/2017 – Parteċipazzjoni fil-Politika u Komunikazzjoni mal-Media; Direttiva Numru 5 - Parteċipazzjoni fil-Politika u Komunikazzjoni mal-Media, kif ukoll Direttiva Numru 5-1 - Parteċipazzjoni fil-Politika u Komunikazzjoni mal-Media.

**38/05/31** Is-Sur Michael Cohen bagħtilna li TM se tapplika sabiex isiru numru ta' toroq rurali bl-iskema ta' żvilupp rurali bil-fondi tal-UE. Huma ha japplikaw għal Sqaq l-Mnieqa għaldaqstant sabiex dan ikun possibli s-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-ftehim.

**38/05/32** Is-Sur Clayton Mizzi li bħalissa hu responsabbli mit-tindif u l-manutenzjoni tal-latrina, tagħna lista qasira ta' affarijiet li sab neqsin. Il-Kunsill approva li jinxtraw.

**38/05/33** Talba mis-Sinj. Pauline Aquilina sabiex issir tabella minħabba l-ħmieġ taż-żwiemel - Il-Kunsill ma laqax din it-talba.

**38/05/34** Suġġeriment mis-Sinj. Anna Mizzi sabiex issir mera fi Triq il-Ġnien – Is-SE ħa tara jekk hux għal użu personali.

**38/05/35** Talba mis-Sur Cranley sabiex issir tabella 'Slow down/Reduce Speed' fi Triq il-Kbira - Il-Kunsill ma laqax din it-talba.

**38/05/36** Suġġeriment mis-Sinj. Luciana Van Beesten sabiex isiru *blue lines for residents* – Il-Kunsill qabel li ma nistgħux nagħmluhom.

**38/05/37** Talba mis-Sinj. Rita Farrugia għal tabella tal-klieb sabiex teħel faċċata tad-dar ta' Sinj. Farrugia nru. 20, Sqaq Warda – Il-Kunsill qabel li jagħti *sticker* li Sinj. Farrugia diment li twaħħalha mal-faċċata tagħha.

**38/05/38** Talba mis-Sinj. Marie Louise Camilleri sabiex issir kaxxa tar-*reserved* quddiem il-ħanut tagħha fi Triq Wieħed u Tletin ta' Marzu – Is-SE ħa tinforma lis-Sinj. Camilleri li trid tapplika ma' TM.

**38/05/39** Talba mis-Sinj. Helen Dalli sabiex tiċkien il-kaxxa tal-*parking* ħdejn 100, fi Triq San Bartilmew u jitwal il-*yellow line* – Kien hemm qbil unanimu.

**38/05/40** Talba mis-Sinj. Josephine Falzon sabiex issir bankina fuq in-naħa tat-Triq tal-Balal – Il-Kunsill qabel li jibgħat l-ilment ta' Sinj. Falzon lil TM.

**38/05/41** Is-Sindku ressaq li ssir tabella bl-isem ta' Triq l-Indipendenza – Din ġiet approvata.

**38/05/42** Is-Sur Ġiljan Aquilina ressaq li ssir bozza ġdida mal-faċċata ta' Dcourt fi Triq Caravaggio – Kien hemm qbil unanimu.

**38/05/43** Is-Sindku ressaq li ssir *shade* ma' bozza fi Triq Fra D. Mifsud - Din ġiet approvata.

**38/05/44** Is-Sur Aquilina ressaq li ssir tabella bi vleġġa fi Triq in-Naxxar - Kien hemm qbil unanimu.

**38/05/45** Is-Sur Christopher Fenech ressaq lista ta' tabelli li jridu jinbidlu: tabella li turi persuna żżomm id tifla; tabella li turi *sleeping police*; tabella li turi li t-triq tagħlaq u tabella li ma jistawx jgħaddu trakkijiet kbar. Il-Kunsill approva li jinxtraw.

**38/05/46** Is-Sur Mario Gauci ressaq żewġ tabelli waħda li turi salib it-toroq u l-oħra li ma jistawx jgħaddu biż-żwiemel. Il-Kunsill approva li jinxtraw.

**38/05/47** Is-Sindku ressaq li nixtru 3 tabelli li juru li għandek tiġbor il-ħmieġ tal-kelb - Kien hemm qbil unanimu.

**38/05/48** Il-Kunsill approva li nixtru *printer* tal-kulur bl-*scanner*.

**38/06 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sotto Kumitati**

**38/06/01** Ma kienx hemm.

**38/07 Aġġudikazzjoni tat-*Tender - Service for the Collection of Bulky Refuse* u *Tender – Embellishment of Ġnien Ta' Żagħruna***

**38/07/01** Fuq l-Aġġidukazzjoni ta' Tender – *Service for the Collection of Bulky Refuse* l-Kunsill qabel unanimament li l-kuntratt jingħata lis-Sur Melchiore Dimech. Ta' min jinnota li din kienet l-unika offerta. Filwaqt li fuq l-aġġidukazzjoni ta' Tender – *Embellishment of Ġnien ta' Żagħruna*, il-Kunsill qabel unanimament li l-kuntratt jingħata lil JGC playon Ltd peress li kienet l-aktar offerta vantaġġjuża.

**38/08 Approvazzjoni tal-*Quarterly Financial Report***

**38/08/01** Il-*Quarterly Financial Report* ġie approvat unanimament u s-Sindku u S.E. ġew awtorizzati sabiex jiffirmawhom.

**38/09 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

**38/09/01** Is-SE ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti pendenti / imħallsa li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-Uffiċċju tal-Kunsill sad-data ta' meta kienet ġiet ippubblikata l-Agenda. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-pagamenti kollha kif ukoll li nħallsu *part-payment* ta' €1,100 lil E.L.C [Data tal-Invoice 30/06/2014 u Nru tal-Invoice 010897].

# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


**38/10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

**38/10/01** Il-laqgħa spiċċat fis-7:10p.m. wara li l-*items* fuq l-*Agenda* ġew eżawriti u ġie unanimament deċiż li laqgħa oħra ssir nhar it-Tnejn, 19 ta' Ġunju 2017 fis-6:00pm.

| | |
|---|---|
| *(firmati)* | *(firmati)* |
| **Ġiljan Aquilina** | **Maria Tanti** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |